# BIRMIFTUĦ

## (Osservazzjonijiet personali u appell biex isiru l-iskavi)

Kont għadni żgħir, fil-Gudja, niġġerra lejn "Il-Ħenija", "Ta' l-Għoljiet, u r-raba' "Ta' l-Isoqf" faċċata ta' Birmiftuħ meta nqbadt għall-ewwel darba bis-seħer ta' dawn l-ismijiet tant sinifikattivi tal-lokal. Kont ukoll nitpaxxa nisma' bil-qedem ta' Birmiftuħ u ġieli xrobt mill-bir li hemm faċċata anke jekk ma kontx inkun bil-għatx - l-ilma kien ikun tant tajjeb u frisk. Mhux darba jew tnjen lgħabt il-futbol mat-tfal tal-Gudja kontra t-tfal ta' Ħal Luqa fil-wesgħat ta'madwar il-knisja. Ta' tifel li kont ġie li anke qbadt u erġajt tlaqt żrinġijiet mill-gandotti li kien hemm taħt it-triq ma' ġenb il-ġnien tal-kmandant. Il-quddiem, qrajt kull ma sibt dwar Birmiftuħ u l-istorja tiegħu. Bqajt dejjem nixtieq aktar tagħrif u sal-lum għadni nixtieq li xi darba jsir xi tfittix storiku għall-inqas taħt il-ħamrija ta' wara l-knisja. Kont jien li b'kazzola u pinżell wiesa fil-1945 kxift dik il-ġebla kbira quddiem il-bieb tal-ġenb tal-faċċata tal-knisja. Kont sibt ċurkett tad-deheb artab b'żewġ idejn minquxa fuq ġewwa - id f'id, bħal sinjal tal-kunsens u għadqa taż-żwieġ. Imdaħħla fih kien għad hemm l-għadma tas-sebgħa li pero' tfarrket mill-ewwel, malli bdejt ser nfarfar it-trab. Xejn aktar ma sibt. Mingħalija ċ-ċurkett kien ser jinżamm 'farmarju żgħir fis-sagristija tal-knisja tar-raħal flimkien ma' xi oġġetti oħra antiki u nkwadri biex nibdew il-mużew parrokkjali.

Kulħadd, hawn Malta, jaf li l-istorja ta' Birmiftuħ u l-knijsa tiegħu tibda' minn żmienijiet antiki ħafna. Ħadd pero', sa issa, ma naf li għadu għamel x'investigazzjoni arkeoloġika kompleta biex jiġi stabbilit kemm tassew huma antiki u x'tagħrif mistur jista' għad hemm fihom. Hawn min jgħid li l-ewwel knisja aktarx inbniet fis-seklu erbatax oħrajna isemmu s'seklu ħmistax. Inkunu nafu żgur aktar jekk biss nibdew biex inwarrbu xi ftit minn dik il-ħamrija li tpoġġiet meta nbidlet il-forma tal-ewwel maqdes li nbena mill-ġdid fil-1512 jew meta saret il-kappella preżenti, f'nofs l-art tal-maqdes ta' qabel, fil-1768. Sa dak it-tant li jsiru l-iskavi nistgħu biss nosservaw il-karatteristiċi nteressanti tal-lokal nnifsu. Kienu żgur dawn id-diversi karatteristiċi li ġalu n-nies tal-qedem jagħżlu l-lokal ta' Birmiftuħ, u mhux xi post ieħor, biex fih jibnu maqdes kbir. Ħallew wesgħat relattivament kbar madwar il-knisja.

L-ewwel osservazzjoni dwar il-lokal "Birmiftuħ" għandna ovvjament issir dwar l-ilma, ir-raba' tajjeb u l-bjar.

1. Birmiftuħ qiegħed fil-baxx u l-ilma tax-xita kien jiġi abbondanti minn pjanura kbira li kienet tibda sa minn taħt l-Imqabba. Illum hemm l-ajruport internazzjonali, imma fi żmieni kont tista' tinduna kif l-ilma tax-xita kien jiskula bil-mod għan-niżla biex jgħaddi mir-raba' imsejjaħ "tal-Isqof" u jinġabar ġo qisu lembut naturali taħt ix-xellug tal-knijsa. Minn hemm l-ilma kien jibqa' għaddej minn gandotti taħt it-triq għal ġol wied u r-raba' "Ta' Garnaw" taħt Santa Luċija u mbagħad, jekk ikun il-każ, għar-raba' taħt Ħal Tarxien. Illum, l-inżul u t-tlugħ tat-triqat u l-għellieqi taħt it-triq għad-dħul tal-ajruport, forma ta' "V", għandhom jindikaw kif kienu l-livelli tal-art. Jingħad li fl-antik ġie li kien hemm ġranet wara ġranet meta n-nies makienux ikunu jistgħu jmorru għal knisja ta' Birmifth minħabba l-ilma li kien ikun għaddej. Jien niftakar li mibni mal-ħajt tal-ġnien tal-kmandant kien hemm ċint xi tlieta jew erba' 'l fuq mit-triq biex in-nies tgħaddi minn fuqu meta t-triq kienet tkun mgħarrqa bl-ilma jew bit-tajn. Illum il-livell tat-triq għola tant li nħeba dak iċ-ċint u anke l-gandotti. Fuq kollox sirt naf li l-għalqa f'Birmiftuħ, fuq il-lemin tal-knisja, għadha tirċievi l-ilma minn xi mkien taħt l-art matul is-sena kollha u ħaġa tal-għaġeb speċjalment f'din in-naħa ta' Malta, il-ħamrija ta' din l-għalqa tibqa' umida anke fix-xhur tas-sajf! Dan il-fatt tassew kurjuż - żgur ġja magħruf minn nies tal-qedem - għadu jkompli sal-lum u jista' jiġi verifikat, bil-permess tal-bdiwi, minn kull min hu interessat. L-għalqa qiegħda fil-kantuniera ta' salib it-toroq, lejn id-dar dilapidata tal-Kappillan.

2. Ir-raba' "Tal-Karwija" u ta' dik il-pjanura kbira, fejn illum hemm l-ajruport kien ferm fertili u daqshekk ieħor kien u għadu fertili u r-raba' ta' "Wied Garnaw" u r-raba' ta' taħt Ħal Tarxien. L-antiki ma kienux jaqbdu u jibnu d-djar u l-knejjes tagħhom fejn ġie ġie, imma kienu jgħażlu post viċin l-ilma

u r-raba' tajjeb. Dan hu skond is-sens u l-għaqal u nsibuħ spiss barra minn Malta. F'Malta għandna l-Imdina mibnija fuq għoja viċin il-pjanura "Ta' Qali" u viċin ir-raba' saqwi lejn l-Imtarfa. Fl-imgħoddi, Malta ġieli ġiet imfaħħra għall-portijiet eċċellenti u r-raba' tajba li kellha.

3. Barra r-raba' tajba madwar Birmiftuħ kien hemm ukoll il-vantaġġ ta' l-ilma preżżjuż u għalhekk saru l-bjar. L-ilma u r-raba' tajjeb ipprovdithom in-natura. Il-bjar għamilhom il-bniedem. F'Birmiftuħ hemm bir fond li jarah kulħadd malli jasal mit-triq tal-Gudja, qiegħed eżatt mal-ħajt tal-faċċata. Imma hemm aktar bjar. F'dik l-għalqa b'ħamrija dejjiema umda fuq il-lemin tal-knisja hemm bir f'nofs l-għalqa għall-bidwi u erba' bjar żgħar oħra ma' xifer it-triq wieħed ftit passi bogħod mill-ieħor. Dawn il-bjar saru ma xifer it-triq żgur biex hafna nies ikunu jistgħu jixorbu huma u jisqu lill-bhejjem fl-istess ħin. F'dawk iż-żmienijiet imbiegħda t-toroq mhux żgur kien ikollhom ħitan mibnija kif narawhom illum. Is-sens tal-propjeta' privata ta' l-art ma kienx għadu beda' jeżisti b'tant ġelosija u mhux żgur kien għad hawn biżżejjed ġebel tas-sejjieħ għall-ħitan kollha li naraw il-lum. Meta, aktar tard inbew il-ħitan, l-bjar ġew inklużi u kkapparrati mal-għalqa u saru tal-privat. Kien wara li tħaffru l-bjar li segwa l-isem "Birmiftuħ" - apert għall-pubbliku jew mingħajr ħerża. Il-bjar u l-ewwel maqdes għandna naħsbu li saru flimkien għalkemm mhux bilfors fl-istess żmien kienet nbniet ukoll id-dar tal-Kappillan.

Id-dar tal-Kappillan inbniet separatament mill-knisja u ma jirriżultax li qatt ġiet irranġata. Naturalment illum qed taqa' u spiċċat. Il-Knisja, skond Achille Ferres, kienet ġja ser taqa' fil-1512 u bniet mill-ġdid, il-Kappillan Don Gonslav Cansiur. Wara żewġ sekli u nofs, fil-1768, żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Saliba, il-knisja kellha bżonn terġa titwaqqa u nbniet kif narawha llum.

<u>Osservazzjoni oħra nteressanti tista' ssir dwar il-pożizzjoni partikolari tal-lokal</u>

4. Kull żmien ikollu l-użanzi u l-bżonnijiet tiegħu. It-tempji preistoriċi qegħdin f'post għoli li jidher mill-baħar. Biż-żmien kien beda' jsir perikoluż tibni viċin xatt il-baħar u kien sar aktar għaqli li tidħol 'l ġewwa u tibni ġol-art. Anqas kien jaqbel li tonfoq ħafna biex tibni knejjes sbieħ. F'dawk iċ-ċirkostanzi Birmiftuħ kien għażla ovvja peress li mhux biss jinsab f'post baxx taħt Santa Luċija u Ħal Tarxien imma tiskanta kif ukoll jinsab idejalment semi-irċċirkondat b'ħames għoljiet li jattuħ u jaħbuħ mill-portijiet u minn xtut il-baħar. Dawn il-ħames għojiet huma : Ħal Luqa, San Ġakbu, "Tal-Għoljiet", Il-Gudja u l-għolja "Taż-Żebbuġa". L-unika apertura qiegħda fuq dik il-pjanura kbira ħafna quddiem il-knisja fejn kien hemm ir-raba "Tal-Isqof" u fejn illum hemm l-ajruport. Dik il-pjanura qiegħda lejn ġewwa l-art u tikxef lil Birmiftuħ biss minn naħa ta' l-Imdina. Dan żgur kien fattur ieħor importanti għall-għażla tal-lokal. Ukoll, l-isem fil-plural "Tal-Għojiet" ghall-għolja singola żgur ġie maż-żmien b'riferenza popolari għad-distrett kollu. Terġa', l-isem "Gudja" wkoll ifisser għolja. Bilfors li kien hemm xi raġuni għal dawn l-ismijiet b'sinifikat ripetut. L-enfasi u l-assoċjazzjoni tal-ħsieb ma' għoljiet kienet teżisti żgur. (Tgħid għalhekk l-arma tal-Gudja fiha faxxa b'ħames ponot 'l fuq u bir-rifless tagħhom l-isfel!). Bħala vantaġġ naturali ta' difiża kien jaqbel li tibni fuq il-quċċata ta' xi muntanja jew għolja. Dan insibuh spiss barra minn Malta. F'Malta, l-Imdina qiegħda fuq għolja u anke ċ-Ċittadella f'Għawdex. Jekk, pero', ma ssibx għolja tajba biżżejjed alllura jaqbel li tinħeba u tibni isfel fejn ma tantx tintlemaħ mill-għadu - eżatt kif inhu Birmiftuħ. Il-portijiet tal-Marsa, Marsascala u Marsaxlokk minn dejjem ġabu l-ħajja u l-mewt lil Malta. Minn hemm kien jidħol il-kummerċ u minnhom kienu jidħlu l-għedewwa u l-furbani. Malta minn dejjem kienet mixtieqa mill-potenzi l-kbar u l-piraterija fil-Mediterran eżistiet minn kmieni. F'dawk iż-żmienijiet imbegħda. Malta ma kienetx għadha ġiet iffortifikata sew u dawk il-ħames għoljiet qiegħdin jaħbu lil Birmiftuħ u jgħatuh kenn.

5. Jekk dan kollu ma huwiex biżżejjed biex iqajjem aktar kurżita dwar l-antikita ta' Birmiftuħ fadal fattur ieħor li jixraq jiġi osservat. Il-lokal ta' Birmiftuħ jinsab viċin u kważi f'eqwidistanza kurjuża bejn iż-żewġ portijiet il-kbar tal-gżira. Kif qed iħarsu dawn il-protijiet wieħed lejn il-grigal u l-ieħor lejn ix-

xlokk, xi wieħed jew ieħor minnhom bilfors ikun bil-kenn. Bir-riħ isfel, ikun kenni l-port tal-Marsa; bir-riħ fuq ikun kenni l-port ta' Birżebbuġa. Minn ebda' port minnhom ma hemm wisq bogħod għal Birmiftuħ.

Dawn huma biss osservazzjonijet u konklużjonijiet bażati fuq fatti dwar is-supefiċi tal-lokal. Dawn il-fatti qatt ma nkitbu u faċilment jaħarbu l-attenzjoni ta' min jiġi f'Birmiftuħ għal ftit ħin. Biss in-nies tal-Gudja jafuhom sew.

Ipprovajt ma nkunx wisq sentimentali, ma nesaġerax u nafda biss fuq il-fatti kif jeżistu u kif niftakar li eżsitew. Ħaddieħor jista' jżid jew inkella jasal għall-konklużjonijiet differenti, imma l-fatti jibqgħu. L-opinjoni tista' tvarja, l-fatti le. Meta xejn minn dak li trid ma ssib dokumentat, l-istorja tal-qedem tista' tibda tinkiteb billi jiġu studjati u nterpretati l-fatti karatteristiċi tal-post u l-fdalijiet li jibqgħu. Il-bniedem dejjem għamel l-opri tiegħu b'intellett, prattiċita u għaqal kif ra li kien ser jaqbillu fiċ-ċirkostanzi li kien jgħix fihom. Bi ftit intelliġenza u volonta retta, il-bniedem tal-lum jista' jifhem lill-bniedem tal-bieraħ. L-istorja medjevali ta' Malta u Għawdex għad trid tinkiteb. Birmiftuħ jista' jgħin. L-ismijiet semitiċi tal-post jistgħu wkoll joffru għajnuna. Dik il-ġebla kbira u lixxa l-ġewwa mill-bieb tal-ġenb tal-faċċata hi l-ewwel riżultat ta' l-ewwel tiftix. Setgħet tpoġġiet hemm fil-1512 jew fil-1768 u tista' tkun ukoll parti mill-pedamenti tal-maqdes antik jew qabar. Min jaf? It-tajjeb hu li l-ħamrija mal-ġemb u wara l-knisja ma tidhirx li - s'issa - qatt ġiet distubata.

**Ħissokta fil-Programm tal-Festa tal-Madonna tar-Rużarju.**

DAWK IL-ĠENITURI LI JIXTIEQU LI ULIEDHOM JIĠU MGĦALLMA XI STRUMENT,

**IS-SOĊJETA' LA STELLA**

QEGĦDA TOFFRI DAN IS-SERVIZZ B'XEJN.
GĦAL KULL INFORMAZZJONI
AVVIĊINA LIL XI ĦADD
MINN TAL-KUMITAT.